MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 3/2003

Rikors numru 3/2003

Maria Assunta Spiteri bhala mandatarja ta’ huha imsiefer Loreto Spiteri

vs

Maria Assunta  armla ta’ Pietru Pawl Muscat u Angelo Muscat

Illum 28 ta’ Jannar 2004

Ic-Chairman,

Ra r-Rikors li permezz tieghu r-rikorrenti nomine, wara li ppremettiet illi l-esponenti Maria Assunta Spiteri noe hija proprjetarja ta' porzjon raba' maghrufa bhala "Tal-Kaxxja" sive "Ta' Kaxxa" fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl komplessiv ta' cirka mija u sitta u hamsin punt sitta metri kwadri (156.6mk) li minnhom parti tal-kejl ta' cirka tnejn u

erbghin punt sitta metri kwadri (42.6mk) hija destinata ghall-formazzjoni ta' triq pubblika, l-intier imiss mil-lbic ma' beni tal-knisja Kattidrali ta' Ghawdex, grigal ma' beni ta' Patrick Mercieca u xlokk ma' beni ta' Emilia Spiteri;

Illi din l-art flimkien ma' bicciet ohra fl-istess zona kienet imqabbla ghand missier l-intimat Angelo Muscat, Peter Paul Muscat, illum mejjet, fl-intier bi qbiela ta' tliet liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm3.75) fis-sena;

Illi l-esponenti nomine jehtiegilhom dan ir-raba' ghal skopijiet ta' zvilupp u effettivament gia ottjenew permessi ghall-bini ta' l-istess art.

Illi l-parti illi tinsab imqabbla lill-intimat ser tifforma parti integrali mill-izvilupp illi l-esponenti ser jaghmlu fuq l-art taghhom u kwindi l-esponenti ghandhom bzonn din l-art ferm aktar milli ghandu bzonn l-intimat;

Illi oltre dan u minghajr pregudizzju gahs-suespost ir-rikorrenti nomine ghandha bzonn dan ir-raba' aktar milli ghandu bzonn l-intimat stante li dan ghandu diversi bicciet raba' ohra u dan ai termini ta' l-Artiklu 4(2)(a) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha li prevja l-likwidazzjoni ta' kwalsiasi kumpens li jista' jkun dovut lill-intimat ai termini ta' l-artikolu (4)(4) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, jawtorizza r-ripresa tal-pussess ta' l-art fuq imsemmija mir-rikorrent wara l-iskadenza li jmiss u dan ai termini ta' l-Artiklu 4(2)(a) u (b) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-Risposta ta' l-intimati fis-sens illi:

1. in linea preliminari n-nullita' tar-rikors billi dan gie pprezentat aktar tard mit-terminu preskritt mill-artikolu 4(1) tal-Kap 199 qabel id-data li fiha kellha taghlaq il-kera fil-15 ta' Awissu 2003;
2. in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghall-ewwel osservazzjoni, ir-rikorrenti

nomine trid tipprova l-mandat li hija ghandha minghand huha;

3. in linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju gahll-premess ir-rikorrent irid jipprova t-titolu tieghu fuq ir-raba’ de quo;

4. fil-meritu u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tar-rikorrent li jehtieg dan ir-raba’ ghal skopijiet ta’ zvilupp hija in attendibbli billi r-raba huwa saqwi;

5. illi l-kwistjoni ta’ hardship ossia tbatija hija applikabbli biss fil-kaz li t-talba ssir taht l-artikolu 4(2)(a) tal-Kap 199, u huwa kontro sens li r-rikorrenti l-ewwel titlob ir-ripresa tal-pussess tar-raba ghal raguni li tridu ghall-izvilupp u fl-istess waqt titlob li trid tiehu lura dan ir-raba’ biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli mir-rikorrent personalment jew minn xi membru tal-familja tieghu;

6. illi l-intimat Angelo Muscat huwa bidwi full time u jghix ma’ ommu Maria Assunta Muscat u dan ir-raba huwa fonti importanti ta’ l-ghejxien taghhom u l-kerrej ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors tar-rikorrenti jigi milqugh;

7. illi r-rikorrent ma jahdimx raba’ anzi jinsab imsiefer u lanqas huwa registrat bhala bidwi u l-ghejxien tieghu ma jiddependix mill-kultivazzjoni tar-raba;

8. ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha nomine.

9. Salvi osservazzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-verbal tieghu tal-5 ta’ Novembru 2003 fejn halla r-Rikors ghal-lum ghad-decizjoni fuq l-ewwel risposta ta’ l-intimati.

Ra n-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet dwar din ir-risposta.

Ra l-atti l-ohra kollha.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta’ din l-ewwel risposta taghhom l-intimati qeghdin jeccepixxu n-nullita’ tar-rikors odjern billi r-rikorrenti naqsu li jipprezentawh fiz-zmien stipulat bil-ligi, u cioe’ mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data li fiha taghlaq il-kirja, u dan a tenur ta’ l-artikolu 4(i) tal-kap.199.

Dan ir-Rikors gie ntavolat fid-29 ta’ Lulju 2003, u mhux kontestat illi l-qbiela in kwistjoni taghlaq fil-15 ta’ Awissu. Imma r-rikorrenti nomine tikkontendi illi dan ma jgibx in-nullita’ tar-rikors, imma biss il-postponiment tad-data li, f’kaz favorevoli ghaliha, dan it-tribunal jista’ jordna it-terminazzjoni tal-kirja. Fil-fehma taghha ghalhekk, it-terminazzjoni ma tkunx tista’ ssir qabel l-iskadenza ta’ wara.

Ma jidhirx illi kwistjoni simili ghadha qatt giet deciza mill-qrati taghna, imma qari akkurat tal-*proviso* ghal dan l-artikolu li gie introdott bl-emenda ghal-ligi li saret fl-1972, meta inbidlet il-procedura f’talbiet simili ghat-terminazzjoni tal-kirja,jindika illi l-iskop ta' dan it-terminu kien illi l-inkwilin ma jigix zgumbrat immedjatament malli ssir it-talba. Kellu jinghata zmien bizzejjed sabiex igawdi c-ciklu shih tas-sena agrikola u jilhaq jahsad dak li jkun zara'. Infatti f’dan il-*provizo* jinghad illi f’kaz li l-kirja ma kienitx taghlaq fil-15 ta’ Awissu, "**ebda decizjoni li tapprova dak it-tehid lura ta’ pussess ma ghandha ssehh qabel il-15 ta’ Awissu li jigi wara d-data tat-terminazzjoni tal-kirja korrenti**”. Ic-Chairman presenti f’kumment li kien ghamel dwar dan il-*proviso* fit-tezi tieghu li kienet tittratta il-ligi tal-qbiela[1] kien ikkumenta hekk f’dan ir-rigward:

“***Another innovation to s.4 was that even when the lease did not end on the 15$^{th}$ August, as would normally be the case in agricultural leases, the landlord could only enforce the decision allowing eviction on the 15$^{th}$ August following such date of termination. This ensured that the tenant-farmer be able to enjoy the rural year to its full extent***.”

Jidher ghalhekk illi l-intenzjoni tal-legislatur meta impona dan it-terminu minimu ta’ tliet xhur mill-iskadenza tal-

[1] "An assessment of the Law relating to Agriculatural Leases"; Universita' ta' Malta: 1979: a fol.147

qbiela ghall-presentata ta’ talba simili, kienet appuntu sabiex jaghti zmien bizzejjed lill-inkwilin li jilhaq jgawdi pienament mis-sena agrikola korrenti, u mhux ukoll li jippenalizza lis-sid u jimpedieh milli jippresenta t-talba tieghu. B'dana pero' illi t-terminazzjoni ma jkunx jista' jkollha effett qabel l-skadenza ta' wara. Infatti fil-prattika, minhabba li l-kawzi ma jinqatghux daqshekk malajr, dejjem jigri illi t-terminazzjoni jkollha effett mill-15 ta' Awissu ta' wara li tkun inghatat id-decizjoni,u mhux f'dik id-data indikata fir-Rikors promotur.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi jichad l-ewwel risposta tal-intimati, jhalli r-Rikors ghall-kontinwazzjoni fuq il-mertu.

L-ispejjez jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

(ft.) Paul Coppini
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------